**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 351/17AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet zzewgu nhar l-24 ta' Mejju 2008, vide Dok A hawn anness;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel: tifel li llum ghandu tmien snin bl-isem ta R;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Sandra Grech Cordina, datat 27 ta' Marzu 2012, vide

Dok B hawn anness, u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza dwar qsim ta' beni bejniethom;

Illi l-partijiet ilhom separati minn Marzu 2012 u ghalhekk ghal aktar minn erbgha (4) snin. Iz-zewg partijiet ilhom ghal aktar minn erbgha snin jghixu ghal rashom u jghixu hajjithom b'mod separat. L-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni bejniethom;

Illi r-rikorrenti ma ghandha thallas ebda manteniment lill-intimat (se mai huwa l-intimat li ghandu arretrati xi jhallas lir-rikorrenti);

Illi r-rikorrent trid tholl iz-zwieg fuq msemmi;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi:

(1) ghaddew aktar minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni *de facto*;
(2) ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
(3) ma hemm l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment;

Talbet li l-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

(1) tordna illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar l-24 ta' Mejju 2008 jigi mahlul, (2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2017;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, iwiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Marzu 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.